MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2012

Numru 11/2011

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Edmond Cuschieri)**

**v.**

**Ronald Gatt”**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjal tal-*probation* Odelsie Bayliss tal-21 ta’ Lulju 2011 li biha ghamlet denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informat lil din il-Qorti li l-imsemmi Ronald Gatt naqas milli jzomm ruhu f’kuntatt ma’ l-ufficcju u l-ufficjal tal-*probation* skond id-direttivi moghtija lilu;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fis-16 ta’ Marzu 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li

rat l-artikoli 261, 271, 279 u 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Ronald Gatt hati tar-reat addebitat lilu, u cioe` talli nhar-it 13 ta’ Marzu 2011 ghall-habta ta’ nofs in-nhar u ghoxrin gewwa Triq il-Pizatur, Mosta, ikkommetta serq ta’ stereo minn go vettura liema serq huwa aggravat bix-xorti tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta’ Sandro Cremona mill-Mosta, u qeghditu taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ sentejn;

**3.** Semghet id-deposizzjoni moghtija mill-ufficjal tal-*probation* Odelsie Bayliss fis-seduti tad-29 ta’ Lulju 2011, fid-29 ta’ Settembru 2011, fit-28 ta’ Ottubru 2011, fis-7 ta’ Dicembru 2011 u fl-20 ta’ Jannar 2012; ikkunsidrat:

**4.** Mix-xiehda li Odelsie Bayliss tat fid-29 ta’ Lulju 2011 jirrizulta illi d-denunzja saret peress illi l-*probationer* attenda appuntament wiehed biss minn sitta u b’hekk il-pjan ta’ kura li gie mhejji ghalih minhabba l-problema tad-droga ma setax jibda jithaddem. Bejn id-29 ta’ Lulju 2011 u d-29 ta’ Settembru 2011 inghata tliet appuntamenti u attenda wiehed biss. Ghall-ewwel appuntament qal li kien ma jiflahx, intalab certifikat izda c-certifikat ma wasal qatt. Ghal appuntament iehor wasal saghtejn tard. Mal-CARITAS kien ghadu ma ghamilx kuntatt. Bejn id-29 ta’ Settembru 2011 u t-28 ta’ Ottubru 2011 il-*probationer* inghata tliet appuntamenti, attenda tnejn minnhom u ghal iehor wasal tard wisq. Fl-ewwel appuntament ma tax *sample* ta’ urina izda fit-tieni ta *sample* li nstab pozittiv ghall-kokaina. Mill-CARITAS l-ufficjal tal-*probation* giet infurmata illi l-*probationer* kien inghata zewg appuntamenti izda ma attendiex. Qalet li dakinhar stess tat-28 ta’ Ottubru 2011 il-*probationer* kien qabad u mar izda ma kellimx lill-*key worker* li kien skedat ghalih. Fis-7 ta’ Dicembru 2011 l-ufficjal tal-*probation* xehdet li l-*probationer* kien zamm l-appuntamenti li tatu, issottometta ruhu ghal zewg testijiet ta’ l-urina u nstab pozittiv ghall-cannabis. Mill-ETC gie maqtugh mir-registrar ghax ma kienx qieghed izomm l-appuntamenti ta’ registrar, u mal-CARITAS ma kien ghamel l-ebda kuntatt. Fl-20 ta’ Jannar 2012 l-ufficjal tal-*probation* xehdet li l-andament tal-*probationer* ma tjieb xejn u ma zammx l-appuntamenti li nghata.

**5.** Din il-Qorti kif presjeduta ghamlet li setghet biex il-*probationer* jifhem li meta huwa tqieghed taht *probation* dan kien sabiex ikollu l-opportunita` biex, bl-ghajnuna ta' l-ufficjal ta' *probation* tieghu, huwa jkun jista' jsewwi triqtu. Sfortunatament dan ma sewa ghal xejn, nonostante li din il-Qorti kienet cara mieghu illi jekk jibqa' ma japprofittax ruhu anke mill-opportunita` li kienet qed ittieh din il-Qorti minn differiment ghall-iehor, allura kien qieghed jiffaccja sentenza ta' prigunerija. Mhux talli naqas li jzomm diversi appuntamenti li nghatawlu mill-ufficjal tal-*probation*, izda sahansitra naqas milli jattendi l-CARITAS u issa wkoll gie maqtugh mir-registrar ma' l-ETC. F'dawn ix-xhur ma wera l-ebda motivazzjoni biex jinbidel. Anzi ppersista fl-abbuz tad-droga. Din il-Qorti tqis in-nuqqasijiet tal-*probationer* bhala nuqqasijiet serji u ghalhekk ma jibqaghlhiex triq ohra ghajr li tittratta mieghu mill-gdid ghar-reat hawn fuq imsemmi kif jipprovdi l-artikolu 21(2) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**6.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, a tenur tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkonstatat li l-*probationer* Ronald Gatt kiser l-ordni ta' *probation* tas-16 ta' Marzu 2011, tirrevoka l-istess ordni u tittratta mieghu mill-gdid ghar-reat imsemmi hawn fuq, u cioe` talli nhar-it 13 ta' Marzu 2011 ghall-habta ta' nofs in-nhar u ghoxrin gewwa Triq il-Pizatur, Mosta, ikkommetta serq ta' stereo minn go vettura liema serq huwa aggravat bix-xorti tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Sandro Cremona mill-Mosta, u wara li rat l-artikoli 261(g), 271(g) u 281(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Ronald Gatt ghal prigunerija ghal perijodu ta' disa' xhur. **Tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghall-problema ta' droga li jidher li ghandu l-istess Ronald Gatt sabiex b'hekk ikun jista' jinghata l-ghajnuna mehtiega, inkluz dik psikologika.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------